V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-13 ta' Mejju 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-184/11)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' eżekuzzjoni — Artikolu 260 TFUE — Għajnuna mill-Istat — Irkupru — Skema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern — Għajnuna individwali mogħtija fil-kuntest ta' din l-iskema — Sanzjoni pekunjarja)***

(2014/C 212/02)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Urraca Caviedes u B. Stromsky, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 260 TFUE – Nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-14 ta' Diċembru 2006, fil-Kawżi magħquda C-485/03 sa C-490/03, Il-Kummissjoni vs Spanja (Ġabra p. I-11887) – Talba sabiex jiġu ffissati pagamenti ta' penalità

**Dispożittiv**

1) *Billi ma ħax, fid-data li fiha skada t-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata maħruġa fis-26 ta' Ġunju 2008 mill-Kummissjoni Ewropea, il-miżuri neċessarji kollha għall-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (C-485/03 sa C-490/03, EU:C:2006:777), ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l–obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.*

2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat iħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont "Riżorsi propji tal-Unjoni Ewropea", somma f'daqqa ta' EUR 30 miljun.*

3) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 186, 25.06.2011